

**KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT****Costas KADIS****Is-Sajd u l-Oċeani****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

*Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?*

*Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?*

Il-kuntest akkademiku u l-esperjenza professjonali tiegħi huma allinjati mill-qrib mal-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-qasam li se nkun responsabbli għalih.

Jien bijologu b'Ph.D. fil-bijoloġija tal-konservazzjoni u Professur tal-Konservazzjoni tal-Bijodiversità. Ir-riċerka tiegħi, iffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea u min-Nazzjonijiet Uniti, tiffoka fuq il-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, inklużi l-aspetti soċjoekonomiċi rilevanti. Barra mill-karriera akkademika tiegħi, kont ukoll Ministru tas-Saħħa (2007–2008), Ministru tal-Edukazzjoni u l-Kultura (2014–2018), u Ministru tal-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent (2018–2023) f'Ċipru.

Bħala Ministru tal-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, issorveljajt l-implimentazzjoni tal-politiki relatati mas-sajd u mar-riċerka tal-baħar. B'mod partikolari, kont responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd f'Ċipru u għall-iżvilupp tal-Pjan Operazzjonali dwar il-Baħar, is-Sajd u l-Akkwakultura tal-pajjiż għall-2021–2027. Barra minn hekk, flimkien mal-Viċi Ministeru tat-Trasport Marittimu, abbozzajna l-Pjan Spazjali Marittimu ta' Ċipru. Użajna wkoll l-istrumenti tal-UE biex nipprovdnu appoġġ finanzjarju lis-sajjieda f'diffikultà, b'mod partikolari matul l-isfidi li qajmet il-pandemija tal-COVID-19. Matul il-mandat tiegħi ta' 5 snin, ħadt sehem b'mod attiv fil-biċċa l-kbira tal-laqgħat tal-Kunsill AGRIFISH, fejn ġew indirizzati l-politiki u l-isfidi fil-livell tal-UE rigward is-sajd u l-oċeani.

Dan l-għarfien flimkien mal-esperjenza tiegħi se jkun partikolarment ta' benefiċċju għat-tfassil ta' politiki bbilanċjati, filwaqt li jitqiesu d-dimensjonijiet rilevanti kollha, fil-qasam li jien se nkun responsabbli għalih.

Fid-dawl tal-linji gwida politiċi, il-prijorità ewlenija tiegħi se tkun li niżgura li s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura jibqgħu sostenibbli, kompetittivi u reżiljenti u li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-katina tas-sajd Ewropea. Dan se jkun l-oġettiv ta' gwida tiegħi fil-bini wkoll ta' viżjoni għas-settur b'perspettiva għall-2040. F'dan is-sens, se ninvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fl-evalwazzjoni komprensiva li għaddeja tal-PKS u se norganizza djalogi dwar is-Sajd u l-Oċeani. Huwa importanti li tingħata attenzjoni ugwali lid-dimensjonijiet ambjentali u soċjoekonomiċi tal-politika. Abbażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni, se nibbaża fuq il-preġġi tal-PKS u se nindirizza kwalunkwe nuqqas, filwaqt li niżgura li l-PKS tiġi adattata għall-kuntest tal-lum u mgħammra biex tilqa' l-isfidi emerġenti tas-settur. Fl-istess waqt, se nappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-acquis tas-sajd, billi nghanhom ifasslu azzjonijiet ta' intervent rapidi u effettivi, inkluż permezz ta' appoġġ tekniku mill-Kummissjoni Ewropea meta rilevanti.

Se nressaq ukoll approċċ olistiku biex insaħħaħ l-ekonomija blu u niżgura l-governanza tajba u s-saħħa tal-oċeani tagħna fid-dimensjonijiet kollha tagħhom, minquxa fil-Patt Ewropew għall-Oċeani, li se jkun qafas ta' referenza strateġiku uniku għall-politiki kollha relatati mal-oċeani. Se nistinka biex nottimizza l-użi differenti tal-baħar, bl-

għan li nirrikonċilja l-hteġa għall-protezzjoni tan-natura u l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, fost l-oħrajn, mal-ħtiġijiet tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura. Approċċ imsaħħaħ ġdid għall-ippjanar spazjali marittimu se jkun punt fokali f'dak ir-rigward. Se nesplora wkoll il-fattibbiltà tar-riżervi tal-karbonju blu Ewropej u se nissokta l-isforzi li għaddejjin biex niffaċilita t-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur tas-sajd. Se nikkontribwixxi wkoll għall-Pjan ta' Adattament għall-Klima, filwaqt li niżgura li tiġi indirizzata l-vulnerabbiltà tal-komunitajiet kostali tagħna u tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura. Se nikkontribwixxi biex inpoġġi r-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-ekonomija tagħna billi niżviluppa strateġija tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni dwar l-Oċeani.

Se niżviluppa approċċ strateġiku għad-diplomazija tal-UE dwar l-Oċeani sabiex l-UE ssostni u ssaħħaħ ir-rwol ewlieni tagħha meta tistabilixxi l-aġenda dwar l-oċeani fil-livell globali, filwaqt li jiġi żgurat użu ġust, sostenibbli u sigur tal-ispazju tal-oċeani u tar-riżorsi tiegħu. Il-prijoritajiet tiegħi jkunu li s-sħab tal-UE biex jirratifikaw malajr it-Trattat dwar il-Bijodiversità lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali qabel il-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani ta' Ġunju 2025 f'Nizza, u jimplementaw fid-dritt tal-UE. Permezz tad-diplomazija tal-UE dwar l-Oċeani se niddedika wkoll sforzi biex inħares kundizzjonijiet ekwi u niproteġi l-katina tas-sajd Ewropea tagħna minn kompetizzjoni globali inġusta, inkluż is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. Se naħdem ukoll fuq ġenerazzjoni ġdida ta' Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli.

L-isforzi ta' hawn fuq se jikkontribwixxu għall-oġettivi ewlenin fil-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni, jiġifieri l-kompetittività u s-sigurtà globali tal-UE, inkluża s-sigurtà alimentari.

Jien impenjat favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Dan se jkun element ewlieni fl-iżvilupp tal-viżjoni tagħna tal-2040 għas-settur tas-sajd. Se nagħti attenzjoni speċifika lit-tiżni tas-sehem tan-nisa fis-setturi tas-sajd/tal-ekonomija blu, inkluż permezz ta' titjib tal-ħiliet possibbli jew permezz ta' aċċess għall-finanzjament għall-impreduturi nisa.

Fit-tim tiegħi se niżgura wkoll il-bilanċ bejn il-ġeneri.

Se niżgura wkoll li l-perspettiva taż-żgħażaġh titqies bis-siħ meta niżviluppa u nimplimenta l-politiki taħt ir-responsabbiltà tiegħi u b'mod partikolari billi norganizza djalogi regolari maż-żgħażaġh. Biex nattiraw ġenerazzjonijiet iżgħar, irridu niżguraw li s-sajd u l-akkwakultura jkunu ta' qligħ, diġitali u sostenibbli, filwaqt li jkunu allinjati mal-valuri, mal-ħiliet u mal-aspirazzjonijiet taż-żgħażaġh. Jekk niġi kkonfermat mill-Parlament, se norganizza Djalogo ta' Politika maż-Żgħażaġħ fl-ewwel 100 jum mill-mandat tiegħi.

Fit-twettiq tal-kompiti tiegħi, se nibqa' indipendenti. Kif indikat fid-dikjarazzjoni tal-interessi tiegħi, irriżenjajt mill-attivitajiet kollha tal-imġoddi. Bħalissa qiegħed bil-liv bla ħlas u se nirriżenja mill-impjeg attwali tiegħi jekk niġi approvat Kummissarju.

## **2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew**

*Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?*

*Liema impenji speċifiċi lest li tiegħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġislattivi? B'rabta mal-inizjattivi ppjanati jew il-proċeduri attwali, lest tippovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?*

L-akkontabbiltà, ir-rispett u l-kollaborazzjoni mar-rappreżentanti taċ-ċittadini tal-UE u mal-Membri tal-Parlament Ewropew huma fundamentali biex inħarsu l-valuri demokratiċi tagħna. Nintrabat bis-siħ li naħdem f'dan il-qafas. Matul il-karriera politika tiegħi, bħala ministru fi tliet ministeri differenti, aderixxejt b'mod konsistenti ma' dan l-approċċ.

Inqis il-kontribuzzjonijiet mill-Parlament bħala essenzjali għall-proċess leġislattiv. Il-politiki Ewropej għandhom iwiegħbu għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini tal-UE u dawk il-ħtiġijiet huma rrapreżentati mill-Parlament Ewropew.

Nintrabat bis-siħ li nsaħħaħ ir-relazzjoni speċjali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Irrid nibni relazzjoni msejsa fuq il-prinċipju ta' aċċess miftuħ, it-trasparenza u l-fiduċja reċiproka.

Se niżgura li l-Parlament jiġi mgħarraf regolarment dwar l-azzjonijiet kollha fil-qasam tal-politiki tas-sajd u tal-oċeani. Flimkien mas-servizzi tiegħi, beħsiebni nimplimenta r-rekwiżiti tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u se nagħti attenzjoni speċjali lil dawk id-dispożizzjonijiet rigward l-iskambju ta'

informazzjoni. Rigward is-segwitu għall-pożizzjonijiet u għat-talbiet tal-Parlament Ewropew, se napplika d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas u, fl-oqsma ta' responsabbiltà tiegħi, se niggarrantixxi li l-Kummissjoni tirrispondi għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament jew għat-talbiet li saru abbażi tal-Artikolu 225 tat-TFUE. B'mod aktar partikolari, nintrabat li nsegwi djalogu strutturat mal-Parlament dwar il-politiki li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħi biex il-Parlament ikun jista' jeżerċita bis-sħiħ is-sorveljanza demokratika tiegħu. Se niżgura wkoll li l-fehmiet tal-Parlament Ewropew, kif espressi fir-riżoluzzjonijiet jew fid-dibattiti, jitqiesu bis-sħiħ fit-tfassil tal-politiki tas-sajd u tal-oċeani.

Niggarrantixxi li se nassumi responsabbiltà politika sħiħa għall-inizjattivi li se nressaq dwar is-sajd u l-oċeani mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-kolleġġjalità. Nemmen li kooperazzjoni interistituzzjonali tajba se twassal għal leġittimità u responsabbiltà aktar b'saħħithom u se tikkontribwixxi għal effiċjenza u governanza tajba.

Inwiegħed li nistabbilixxi relazzjoni miftuħa u trasparenti mal-Membri tal-Parlament, abbażi ta' fiduċja reċiproka u skambji regolari u komprensivi ta' informazzjoni sabiex il-Parlament ikun jista' jaqdi r-rwoli leġiżlattivi u ta' skrutinju tiegħu. Huwa ta' importanza kbira għalija li jkolli relazzjoni tajba mal-Kumitat għas-Sajd u kumitati rilavanti oħrajn. Se nkun disponibbli għal laqgħat bilaterali u għal komunikazzjoni diretta mal-koordinaturi, mar-rapporteurs u mal-membri tal-kumitat.

Fi qbil mal-Linji Gwida Politiċi tal-President elett, is-servizzi taħt ir-responsabbiltà tiegħi se jħejju rapport ta' progress annwali għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill. Dan se jiżgura segwitu xieraq dwar l-infurzar u l-implimentazzjoni fil-portafoll tiegħi. Infakkar li l-Kummissjoni tapplika standards ta' trasparenza għoljin ħafna fir-rigward tal-Parlament Ewropew, bħala r-rappreżentant taċ-ċittadin tal-UE. Dawk l-istandards japplikaw ukoll għal-laqgħat mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess. Se niżgura wkoll li l-fehmiet tal-Parlament Ewropew, kif espressi fir-riżoluzzjonijiet jew fid-dibattiti, jitqiesu bis-sħiħ fit-tfassil tal-politiki tas-sajd u tal-oċeani.

Nintrabat li ngħarraf lill-Parlament Ewropew bis-sħiħ dwar l-inizjattivi pplanati u l-proċeduri li għaddejjin. F'dak ir-rigward, huwa essenzjali li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu ttrattati b'mod ugwali fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni. B'mod konkret, nintrabat li ngħarraf lill-Parlament Ewropew bis-sħiħ u f'waqtu fi qbil mal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni rigward l-atti delegati u l-ftehimiet internazzjonali.

### Mistoqsijiet mill-Kumitat għas-Sajd

*3. Kif se ssib il-bilanċ bejn il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, il-protezzjoni tal-ambjent marittimu u l-kisba ta' settur tas-sajd sikur, jagħmel il-qligħ u sostenibbli li jkollu l-ħila jiżgura tiġdid ġenerazzjonali u ħolqien ta' impjiegi?*

Is-sajd huwa fil-qalba tal-komunitajiet kostali, fejn jingħaqad mal-identità, il-wirt kulturali u l-valuri tagħhom, u jipprovdi sors kruċjali ta' għajxien. Is-sajd jiddependi fuq oċeani f'saħħithom u stokkijiet ta' ħut produttivi biex tiġi żgurata l-profittabbiltà fit-tul u l-attrazzjoni tas-sajd għaż-żgħażgħ. Għalhekk meħtieġ il-bilanċ it-tajeb bejn il-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd, l-introjtu tas-sajjieda u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar tagħna.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, beħsiebni nsib dak il-bilanċ billi niżviluppa viżjoni fit-tul għal settur tas-sajd reżiljenti, kompetittiv u sostenibbli b'perspettiva għall-2040, li għaliha jikkontribwixxu diversi riżultati tanġibbli. Evalwazzjoni komprensiva tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) b'attenzjoni partikolari fuq it-tliet pilastru tal-iżvilupp sostenibbli: ambjentali, ekonomiku u soċjali, għandha tippermetti l-identifikazzjoni tal-punti b'saħħithom u dawk dgħajfa ta' din il-politika. Abbażi ta' dan se nirrakkomanda li l-Kummissjoni tipproponi l-miżuri meħtieġa biex tiffina u ttejjeb il-politika għall-futur.

L-għan tiegħi huwa li niżgura l-kompetittività fit-tul tas-settur, li se jikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien tal-impjiegi u jiġbed ġenerazzjonijiet aktar żagħżagħ, filwaqt li nkompli nagħti prijorità lis-sostenibbiltà u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar. Li wieħed jieħu ħsieb l-ambjent huwa prerekwiżit għal settur tas-sajd prosperuż. Mingħajr is-sostenibbiltà ambjentali ma jkun hemm l-ebda sostenibbiltà soċjoekonomika, peress li mingħajr il-ħut m'hemm l-ebda sajjied.

Fl-evalwazzjoni li għaddejja, waħda mill-kwistjonijiet ivvalutati se tkun li jinstabu modi kif jiġu ssimplifikati r-regoli eżistenti u jitnaqqas il-piż amministrattiv għas-sajjieda. Il-potenzjal sħiħ tat-teknoloġiji diġitali u l-intelliġenza artifiċjali jenħteġ li jintuża għas-simplifikazzjoni tal-kontroll u tal-ġbir tad-data. Meta jitqies li madwar 80 % tal-flotta tal-UE magħmula minn sajjieda fuq skala żgħira, l-evalwazzjoni se tkun opportunità biex jinstabu modi kif ikompli jiġi appoġġat dan is-settur tal-flotta. L-aspett soċjali tas-sajd irid jiġi indirizzat aħjar. Id-

*data* u l-indikaturi soċjali iridu jiġu żviluppati aktar. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nagħmel pressjoni għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Taħriġ u ċ-Ċertifikazzjoni tas-Sajjieda biex niżgura taħriġ u ċertifikazzjoni aħjar u se naħdem, anke f'kooperazzjoni mal-Kummissarji sħabi, għal kundizzjonijiet ta' sikurezza aħjar, inkluż għal bastimenti iżgħar tas-sajd. Nemmen li miżuri ġodda rigward sajjieda fuq skala żgħira, taħriġ, sikurezza mtejba, stokkijiet b'saħħithom u ambjent diġitali jikkontribwixxu biex jattiraw aktar żgħażaġh lejn is-settur tas-sajd.

B'mod parallel mal-evalwazzjoni tal-PKS, se nkompli nappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni xierqa tar-regoli tal-PKS u tal-acquis dwar is-sajd biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sajd. Iħeġġiġni l-fatt li l-implimentazzjoni kontinwa tal-PKS irriżultat fit-titjib tal-bijomassa għal għadd ta' stokkijiet tal-ħut. Jeħtieġ li nkomplu f'din it-triq pożittiva tal-bini mill-ġdid tal-istokkijiet tal-ħut tagħna u r-restawr tas-saħħa tal-oċeani u l-ibħra tagħna.

Il-ħarsien aktar estensiv tal-ambjent tal-baħar se jkun ukoll parti mill-ekwazzjoni. Il-Patt Ewropew għall-Oċeani se jikkontribwixxi wkoll għal dan l-oġettiv, billi jistabbilixxi qafas olistiku li jqis b'mod effettiv il-politiki kollha tal-UE li jaffettwaw is-saħħa tal-oċean u l-għajxien tas-sajjieda u tal-komunitajiet kostali. Se niżgura li jintlaħqu miri miftiehma għall-ħarsien tal-ibħra tagħna u l-bijodiversità tagħhom matul dan il-mandat.

Permezz ta' strateġija tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Oċeani, se niżviluppa wkoll aġenda komprensiva għall-għarfien, l-innovazzjoni u l-investment tal-baħar. Dan se jiżgura li *d-data*, l-għarfien xjentifiku u l-fondi meħtieġa jkunu disponibbli biex jittieħdu u jiġu implimentati dawk id-deċiżjonijiet meħtieġa biex jiġi żgurat approċċ bilanċjat lejn il-ġestjoni tas-sajd, u biex tittejjeb aktar il-profittabbiltà tas-settur.

*4. Minbarra li tkompli l-implimentazzjoni sħiħa tal-PKS, inti tikkunsidra riformi konkreti rigward l-obbligu ta' ħatt l-art, inkluż alternattivi, kif ukoll l-introduzzjoni ta' qabdiet totali permissibbli (TACs) pluriennali, titjib tal-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema jew inċentivar tar-riċerka għal tekniki tas-sajd sostenibbli ġodda?*

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, waħda mill-prijoritajiet ġenerali ewlenin matul il-mandat tiegħi se tkun li nibni settur tas-sajd kompetittiv, sostenibbli u reżiljenti li jgawdi kundizzjonijiet ekwi tul il-katina tal-valur kollha. Dan jeħtieġ azzjoni minn naħa waħda fix-xena globali fil-konfront tas-sħab tagħna fil-ġestjoni tas-sajd u fir-relazzjonijiet kummerċjali, u min-naħa l-oħra, jappella għal riflessjoni dwar il-mod kif niġġestixxu s-sajd fl-UE. L-idoneità tal-qafas legali applikabbli u l-mod kif jiġi implimentat huma kruċjali fid-definizzjoni tal-kundizzjonijiet li fihom joperaw is-setturi tagħna u l-opportunitajiet li għandhom biex jikbru, jinnovaw, u jrendu aktar qligħ, filwaqt li jħallu wirt sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet li jmiss.

Għalhekk, jekk niġi kkonfermat Kummissarju, l-ewwel għan tiegħi se jkun li nlesti l-evalwazzjoni li għaddejja tar-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd bl-ogħla standards ta' regolamentazzjoni aħjar. Dan jinkludi wkoll ħarsa konkreta lejn l-obbligu ta' ħatt l-art. Huwa importanti li tinġabar *data* komprensiva u ta' kwalità għal valutazzjoni tat-tweġiq tal-obbligu ta' ħatt l-art u kif qed jaħdem, u għaliex qed jaħdem b'dan il-mod. Fl-istess ħin, nemmen bis-sħiħ li kwalunkwe leġiżlazzjoni tista' tkun tajba biss daqs l-implimentazzjoni tagħha. Għalhekk, filwaqt li l-evalwazzjoni għadha għaddejja, se jkun ugwalment importanti li titkompla l-implimentazzjoni tal-acquis dwar is-sajd, inkluż ir-Regolament dwar il-PKS u r-regoli riveduti reċentement dwar il-Kontroll tas-Sajd, fid-dimensjonijiet kollha tiegħu. F'dak ir-rigward, se ngħin l-Istati Membri jfasslu azzjonijiet ta' intervent rapidi u effettivi, inkluż permezz ta' appoġġ tekniku mill-Kummissjoni Ewropea meta rilevanti. Kwalunkwe deċiżjoni fid-direzzjoni tar-raffinar jew tat-tisħiħ tar-Regolament dwar il-PKS jeħtieġ li tkun ibbażata fuq evidenza soda u djalogu ta' implimentazzjoni li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati kollha affettwati. Jeħtieġ tkun diretta lejn l-indirizzar tad-dgħufijiet identifikati, filwaqt li tibbaża fuq l-eżiti pożittivi sal-lum. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiku. Fl-aħħar nett, kwalunkwe azzjoni possibbli fir-rigward tal-obbligu ta' ħatt l-art b'mod speċifiku, trid tkun ibbażata fuq evidenza xjentifika u tqis bis-sħiħ l-oġettiv primarju segwit — b'mod partikolari l-inkoraġġiment tas-selettività tal-irkaptu u l-evitar tal-qbid skartat ħali tal-ħut fil-baħar. Id-*data* turi li qabel ma daħal l-obbligu ta' ħatt l-art, kien hemm każijiet ta' qbid skartat ta' 40 % fil-baħar, għalkemm kważi l-ebda qbid skartat ma kien qed jiġi rrapportat mill-operaturi. Din ma kinitx biss Prattika ħalja iżda wasslet ukoll biex dak li jkun isibha impossibbli li jkun jaf l-istat tal-istokkijiet, li huwa kruċjali għall-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd. L-iżvilupp u l-użu ta' tekniki tas-sajd innovattivi għandhom il-potenzjal minn naħa waħda li jiffaċilitaw aktar selettività, filwaqt li fl-istess ħin jagħmlu l-flotta tagħna aktar effiċjenti u għalhekk irendu aktar qligħ. Din hija r-raġuni għaliex, jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nħeġġeġ investment kontinwu fil-ġbir tad-*data*, ix-xjenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni biex ngħinu lill-manijers tas-sajd u lis-sajjieda tagħna jkunu mġhammra bl-aħjar għarfien u teknoloġija li jgħinuhom jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet biex jistadu b'mod aktar responsabbli u b'hekk, b'mod aktar sostenibbli. Din se tkun kunsiderazzjoni ewlenija taħt l-Istrateġija

għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-Oċeani, li nkarigat inressaq jekk niġi kkonfermat, u se nagħmel l-għarfien, l-innovazzjoni u l-investment dwar il-baħar pilastru ewlenin tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-ekosistema diġà huma elementi importanti tal-PKS u l-implimentazzjoni attwali tagħha. Flimkien mal-evoluzzjoni tax-xjenza lejn aktar interdixxiplinarjetà u transdixxiplinarjetà, irrid li l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema jikseb dejjem aktar importanza lejn approċċ aktar olistiku.

Fl-aħħar nett, ippermettuli nenfasizza li rridu nżommu f'moħħna l-aspetti kollha: il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali, l-importanza soċjoekonomika tas-sajd għall-komunitajiet kif ukoll il-provvista ta' ħut ta' kwalità bi prezz aċċessibbli.

Fir-rigward tal-qabdiet totali permissibbli (TACs, total allowable catches) pluriennali, jekk niġi kkonfermat Kummissarju, beħsiebni nitlob lill-korpi xjentifiċi rilevanti jagħtu pariri li permezz tagħhom il-Kummissjoni tkun tista' tipproponi kwoti addizzjonali tal-ħut għal sentejn jew aktar, ibda mill-istokkijiet ġestiti unikament mill-UE.

*5. Kif biħsiebek ittejjeb l-opportunitajiet indaqs għas-sajjieda u l-produtturi tal-akkwakultura tal-UE, b'attenzjoni partikolari għas-sajjieda fuq skala żgħira, ittejjeb ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u tirrikonċilja l-ambizzjoni tal-UE li "tmexxi bl-eżempju" mal-oġettiv tal-PKS li tiżgura kundizzjonijiet ekwi fost l-atturi kollha tal-UE u dawk li mhumiex, bħar-Renju Unit u n-Norveġja, u l-għlieda effettiva kontra l-prattiki ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU)?*

Meta nirreferi għall-opportunitajiet indaqs, minbarra s-sajjieda fuq skala żgħira u fuq skala kbira, qed naħseb ukoll f'opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel li joperaw fis-settur, u rridu niżguraw li nżommu l-impjiegi attraenti għas-sajjieda tal-esperjenza kif ukoll għall-ġodda, biex niżguraw tiġdid ġenerazzjonali fis-settur. Jeħtieġ li s-sajjieda kollha jkollhom opportunitajiet indaqs u jirnexxu u jikkontribwixxu għall-benesseri ekonomiku u soċjali tal-komunitajiet tagħhom.

Is-sajd fuq skala żgħira għandu rwol soċjoekonomiku importanti ħafna fil-komunitajiet kostali tagħna. Din il-flotta tirrappreżenta l-maġġoranza tal-bastimenti tas-sajd irreġistrati fl-UE (76 %) u kważi nofs l-impjiegi fis-settur tas-sajd fl-UE (49 %). Kull segment tal-flotta jgħaddi ma' sfidi u pressjonijiet speċifiċi, u dawn ivarjaw ukoll minn baċir tal-baħar għal ieħor. Konxju li waħda mill-isfidi għall-kompetittività tas-sajjieda fuq skala żgħira speċifikament hija l-aċċess għall-opportunitajiet tas-sajd. Filwaqt li l-għażla tal-kriterji tal-allokkazzjoni hija kompletament fil-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali, jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se ninvolvi ruħi b'mod proattiv mal-Istati Membri dwar kif tista' titejjeb is-sitwazzjoni fil-kuntest nazzjonali tagħhom. Flimkien mal-pubblikazzjoni ta' *vade-mecum* dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, se nħares aktar mill-qrib lejn l-implimentazzjoni korretta tar-regoli. Mhux se nżomm lura milli nirrakkomanda bidliet fil-politika, jekk ikun hemm bżonn. Se nanalizza aktar id-diversifikazzjoni u t-tlaqqiġ tas-sajd ma' attivitajiet oħra bħat-turiżmu.

Sfida komuni għas-sajjieda kollha tal-UE, kif ukoll għall-produtturi tal-akkwakultura tal-UE, hija li jkollna kundizzjonijiet ekwi mal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u l-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta mas-sajjieda/mal-produtturi mhux tal-UE. L-UE għandha kontrolli stretti biex tiżgura li l-ikel importat jissodisfa standards għoljin għall-protezzjoni u s-sikurezza tal-konsumatur. It-tiġib tal-kundizzjonijiet ekwi ma' pajjiżi terzi dwar aspetti tas-sostenibbiltà soċjali u ambjentali se jkun wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tiegħi jekk niġi kkonfermat Kummissarju. Se jkun ukoll pilastru ewleni tal-approċċ strateġiku aġġornat għall-azzjoni esterna tas-sajd li ntlab niżviluppa mill-President elet tal-Kummissjoni, u li fil-kuntest tiegħu beħsiebni nħares lejn x'nistgħu nagħmlu aktar u x'nistgħu nagħmlu għdid.

L-UE għandha tkompli tagħti l-eżempju, billi tipproġetta s-setgħa tagħha f'diversi kuntesti internazzjonali. L-isforzi biex jiġu promossi s-sostenibbiltà tal-akkwakultura globali u s-sajd sostenibbli permezz tal-parteċipazzjoni tal-UE f'organizzazzjonijiet multilaterali u reġjonali bħall-FAO u l-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd tagħha għall-Mediterran, u l-organizzazzjonijiet reġjonali l-oħra kollha tal-ġestjoni tas-sajd iridu jkomplu mingħajr waqfien. L-UE diġà ppromwoviet b'suċċess il-prinċipji ewlenin tal-Politika Komuni tas-Sajd fl-Istrateġija tal-2030 tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran: ir-rendiment massimu sostenibbli, il-pjanijiet pluriennali, ir-reġjonalizzazzjoni, il-ħarsien tal-ispeċijiet vulnerabbli u l-ħabitats sensitivi.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se ninsisti wkoll li f'ambjenti internazzjonali bħall-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, l-UE tippromwovi b'mod konsistenti l-adozzjoni ta' standards konformi mal-PKS. L-għan tiegħi huwa li noħloq kundizzjonijiet ekwi billi ngħin lil ħaddieħor jilħaq l-istandards tagħna. Jeħtieġ nużaw l-għodod kollha li għandna disponibbli, inkluż l-aċċess għas-suq, biex naħdmu mal-pajjiżi sħab. Il-ġestjoni sostenibbli tas-sajd fl-ibħra internazzjonali tista' tirnexxi biss jekk kulħadd jimpenja ruħu.

Wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) tagħha, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit ħoloq qafas ġdid għall-ġestjoni konġunta tal-istokkijiet kondiviżi fil-Grigal tal-Atlantiku.

F'dan il-qafas, kif ukoll fi ftehimiet bilaterali oħra u organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs, regional fisheries management organisations), se nkompli nikkooopera ma' pajjiżi terzi rilevanti biex inżomm standards għoljin ta' sostenibbiltà, ħalli niżgura sehem ġust tal-kwota għall-UE u kundizzjonijiet ekwi. . Biex dan iseħħ, jekk niġi kkonfermat Kummissarju se:

(1) nuża l-opportunitajiet kollha biex nippromwovi r-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur billi norbot is-sajd mar-relazzjoni ġenerali mal-ġirien tagħna, b'mod partikolari fil-Grigal tal-Atlantiku;

(2) nagħti attenzjoni bir-reqqa lill-monitoraġġ tal-konformità mal-impenji internazzjonali, u lill-iżgurar tal-istabbiltà wara l-2026, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Intestatura tas-Sajd fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, u nikkooopera mill-qrib mar-Renju Unit biex nippromwovi s-sostenibbiltà u nimminimizza l-impatt ta' kwalunkwe diverġenza regolatorja;

(3) nippromwovi l-bini ta' alleanzi fir-reġjun u kooperazzjoni msaħħa ma' Stati kostali oħra f'żoni ta' interess komuni; kif ukoll

(4) nappoġġa d-djalogu ta' livell għoli man-Norveġja biex jiġi żgurat li d-drittijiet tas-sajd tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-bakkaljaw, fi Svalbard jiġu onorati, u li s-sajd tal-UE sostenibbli, leġittimu u stabbilit sew fil-Baħar ta' Barents ikun jista' jkompli.

Fl-aħħar nett, se nkompli niddefendi l-kwoti tal-UE u niżgura l-aċċess għall-bastimenti tal-UE għall-ilmijiet tas-sħab tagħna, li huwa kruċjali għar-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur tas-sajd f'kuntest li qed jinbidel.

Il-ġlieda kontra s-sajd IUU hija aspett ewlieni tal-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi. Se nimpenja ruħi bis-sħiħ mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex niżgura li dalwaqt inkunu nistgħu nadottaw il-modifika fir-Regolament (UE) Nru 1026/2012, li permezz tagħha l-UE tkun tista' tieħu miżuri xierqa lejn pajjiżi li jseguw sajd mhux sostenibbli. Żewġ aspetti importanti se jseħħu tul il-mandat tiegħi jekk niġi kkonfermat: L-ewwel nett, biex l-UE tkun kredibbli internazzjonalment, il-konformità trid tiġi żgurata internament. Dan huwa l-punt tat-tluq biex nipproġettaw il-valuri u l-istandards tal-PKS lil hinn mill-UE. Għalhekk, l-enfasi tiegħi se tkun fuq l-implimentazzjoni gradwali iżda f'waqtha u sħiħa tas-sistema riveduta ta' kontroll tas-sajd, u fuq l-introduzzjoni tal-iskema diġitali ta' ċertifikazzjoni tal-qbid IUU bħala għodda biex niproteġu s-suq tagħna, il-konsumaturi, u s-sajjieda tagħna kontra l-importazzjonijiet ta' ħut IUU minn pajjiżi terzi. It-tieni nett, nemmen li l-protezzjoni tas-suq tagħna mill-importazzjonijiet tas-sajd IUU mhijiex biżżejjed. Għalhekk beħsiebni nkompli b'diplomazija IUU attiva ma' pajjiżi terzi. Is-sistema IUU tal-ħruġ ta' karti kienet għodda b'saħħitha u taħt il-mandat tiegħi beħsiebni niggrawda u ngħin lill-pajjiżi terzi biex ikollhom kontrolli u konformità tajbin tas-sajd, iżda mhux se noqgħod lura milli nirrakkomanda t-tipi kollha ta' miżuri previsti fil-leġiżlazzjoni tagħna jekk ikun meħtieġ.

Kundizzjonijiet ekwi għas-servizz tas-sostenibbiltà tas-sajd madwar id-dinja jestendu lil hinn mill-miżuri tal-ġestjoni tas-sajd. Irridu nikkunsidraw kif l-UE — importatur kbir ta' prodotti akkwatiċi — tinneogzja mal-bqija tad-dinja. Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni nqiegħed enfasi qawwija fuq id-diversi għodod għad-dispożizzjoni tal-UE biex tingrana s-saħħa tagħha fis-suq, kemm mil-lat ta' traċċabbiltà ta' prodotti importati u informazzjoni rilevanti għall-konsumaturi, kif ukoll fil-kuntest ta' ġestjoni konġunta tas-sajd ma' pajjiżi terzi jew l-istrumenti tal-politika kummerċjali tagħna. Waħda mill-bidliet l-aktar fundamentali li għandi f'rasi nagħmel taħt il-mandat tiegħi hija li ntemm is-sussidji pubbliċi li jsaħħu l-kapaċitajiet tas-sajd, permezz ta' ftehim ġdid tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Għal dan il-għan se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Kummerċ.

*6. Kif biħsiebek tikkoordina l-politiki rilevanti kollha fi ħdan il-Patt Ewropew għall-Oċeani u tinvolvi l-komunitajiet kostali u s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura fil-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Patt?*

Illum, l-oċeani tagħna qed iħabbtu wiċċhom ma' diversi kriżijiet, u dan isarraf ukoll fi sfida għall-komunitajiet kostali u għas-setturi tal-ekonomija blu li jiddependu fuq is-saħħa tal-oċeani għall-ġhajxien u l-prosperità tagħhom. Għalhekk irridu nħarsu b'mod olistiku lejn kif ninteraġixxu mal-oċeani: il-mod kif nagħmlu impatt fuq l-oċeani, kif l-oċeani jolqtuna, kif ukoll l-opportunitajiet li nistgħu nisiltu mill-oċeani, filwaqt li nirrikonoxxu l-importanza tagħhom mil-lat ta' ġeopolitika, sovranià tal-ikel, kompetittività, sostenibbiltà, u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, kollha intrinsikament marbutin mal-benessri globali.

Fiduċjuż li jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nkun nista' niddependi fuq il-kooperazzjoni tal-Kummissarji sħabi kollha fit-tfassil u l-progress tal-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala qafas ta' referenza strateġiku uniku għall-oċean. Se nmexxi dan il-kompitu u nfitteż speċifikament il-kontribut tal-Kummissarji sħabi responsabbli għall-ambjent, ir-reżiljenza tal-ilma u Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva, għat-trasport, għall-enerġija u l-akkomodazzjoni, għall-kummerċ, u għall-klima, kif ukoll il-kontribut tal-Viċi President Eżekuttiv għall-koeżjoni u r-riformi.

Il-Patt Ewropew għall-Oċeani jrid ikun inklużiv u maħluq b'mod konġunt mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Se nfitteż tali inklużività b'mod partikolari permezz tad-Djalogi dwar is-Sajd u l-Oċeani u konsultazzjonijiet fil-fond oħrajn, inkluż mal-Membri Onorabbli tal-Parlament Ewropew. Il-Jum Marittimu Ewropew, ospitat kull sena minn belt kostali Ewropea differenti, huwa pjattaforma importanti għall-partijiet ikkonċernati biex jiltaqgħu u jinvolvu ruħhom fi kwistjonijiet relatati mal-oċeani, inkluż dwar il-Patt Ewropew għall-Oċeani. Sabiex jikkber l-involviment fil-livell lokali fl-Unjoni kollha tagħna, dan se jiġi kkomplementat minn inizzjattivi lokali f'diversi Stati Membri permezz ta' avvenimenti fil-"Jum Marittimu Ewropew f'Pajjiżi". F'dan kollu, se niżgura li ninvolvi lill-ġenerazzjonijiet iż-żgħira. Se nkompli niltaqa' wkoll mal-komunitajiet kostali, inklużi s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, u ninvolvi lill-partijiet ikkonċernati mhux biss fit-tfassil tal-Patt, iżda wkoll meta dan jidħol fil-prattika u fil-politiki futuri tagħna.

Jekk niġi kkonfermat, se nagħmel ħilti biex nippreżenta l-Patt Ewropew għall-Oċeani fil-ħin għat-tielet Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani f'Nizza, f'Ġunju 2025 u b'hekk insaħħaħ ir-rwol ewlieni tal-UE fl-istabbiliment tal-aġenda globali għall-oċeani.

*7. Kif se ssaħħaħ is-settur tal-akkwakultura sostenibbli Ewropew, inkluża l-produzzjoni tal-algi, u ttejjeb l-informazzjoni tal-konsumaturi permezz ta' tikkettar dwar l-oriġini tal-prodotti, jew ta' prodotti bbażati fuq il-pjanti mibjugħa bħala ħut?*

L-akkwakultura sostenibbli, inkluża l-produzzjoni tal-algi, għandha rwol importanti fl-iżgurar ta' provvista sostenibbli tal-ikel akkwatiku fl-Unjoni Ewropea. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nżid l-isforzi lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-viżjoni ta' akkwakultura tal-UE aktar kompetittiva, reżiljenti u sostenibbli, li għet stabbilita fil-Linji Gwida Strateġiċi tal-Kummissjoni dwar l-akkwakultura tal-UE adottati fl-2021. Dan għandu, mhux biss iżid il-kontribut tal-akkwakultura għas-sovranià tal-ikel tal-UE, iżda jikkontribwixxi wkoll għat-tranżizzjoni ekoloġika, itejjeb l-aċċettazzjoni soċjali u l-informazzjoni għall-konsumatur, u jżid l-għarfien u l-innovazzjoni. Biex jintlaħqu dawn l-oġettivi, meħtieġa azzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma: is-simplifikazzjoni tar-regolamenti u l-proċeduri ta' liċenzjar, l-allokazzjoni ta' spazju xieraq għall-akkwakultura biex tikber, l-adattament tal-akkwakultura għall-impatt tat-tibdil fil-klima, jew l-iżgurar li l-innovazzjoni tiġi adottata mis-settur.

Il-Kummissjoni diġà ħadet diversi azzjonijiet biex ttwettaq il-potenzjal importanti tat-tkabbir sostenibbli tal-akkwakultura fl-UE f'konformità ma' din l-istrateġija. Twaqqfet pjattaforma online b'għarfien estensiv rilevanti għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur, u diġà ġew żviluppati u se jkomplu jiġu żviluppati linji gwida dwar l-aħjar prattiki f'oqsma ewlenin bħas-simplifikazzjoni tal-oqfsa regolatorji u amministrattivi, l-ippjanar tal-ispazju għall-akkwakultura tal-baħar, l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tranżizzjoni tal-enerġija, l-ippjanar tal-ispazju u l-aċċess għall-ilma għall-akkwakultura bbażata fl-ilma ħelu u fuq l-art, kif ukoll it-titjib tal-prestazzjoni ambjentali u l-benessri tal-ħut. Il-ħidma fuq il-benessri tal-ħut se tiġi appoġġata miċ-Ċentru ta' Referenza l-ġdid tal-UE għall-benessri tal-annimali akkwatiki stabbilit fi Frar 2024.

Jekk niġi kkonfermat, se naħdem mill-qrib mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew biex niżguraw li dan is-settur jingħata prijorià suffiċjenti u li l-potenzjal sħiħ tal-akkwakultura jkun jista' jiġi sfruttat fl-UE. Se nuża l-valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-2025 tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Strateġiċi għal akkwakultura tal-UE aktar sostenibbli u kompetittiva biex nivvaluta fejn ninsabu f'dik li hija implimentazzjoni ta' din il-viżjoni kif ukoll l-impatt reali tagħha. Abbażi ta' din l-evalwazzjoni, se nikkunsidra jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali u liema sabiex jintlaħqu l-għanijiet. Din il-valutazzjoni se tikkontribwixxi wkoll għall-evalwazzjoni tar-Regolament dwar il-PKS u għall-viżjoni dwar is-sajd u l-akkwakultura għall-2040. L-akkwakultura sostenibbli se tkun ukoll aspekk ewlieni tal-Patt Ewropew għall-Oċeani. Barra minn hekk, fil-bidu tal-2025, se nvara kampanja ta' komunikazzjoni biex inżid is-sensibilizzazzjoni, il-fehim u l-aċċettazzjoni tal-akkwakultura fl-UE.

Il-Kummissjoni adottat inizzjattiva speċifika tal-UE dwar l-Algi fl-2022 bil-għan li tappoġġa l-produzzjoni sostenibbli, il-konsum sikur, u l-użu innovattiv tal-algi fl-UE. Jekk niġi kkonfermat, se nqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji ta' settur b'saħħtu tal-algi fl-UE u nappoġġa l-implimentazzjoni tat-23 azzjoni stabbiliti f'din l-inizzjattiva, inklużi dawk immirati lejn is-simplifikazzjoni tal-liċenzjar u l-allokazzjoni tal-ispazju marittimu, kif

ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tal-algi għan-nies u l-pjaneta u t-twertiq ta' riċerka u analiżi tal-politika.

Se niżgura wkoll li l-akkwakultura — inklużi l-algi — tkun parti mill-isforzi u l-appoġġ tagħna għar-riċerka u l-innovazzjoni, anke permezz tal-Istrateġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċeani li se niżviluppa, jekk niġi kkonfermat Kummissarju.

Informazzjoni ċara u affidabbli għall-konsumatur permezz tat-tikkettar hija vitali biex il-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri li jappoġġaw għażliet sostenibbli. L-informazzjoni dwar l-oriġini hija partikolarment siewja għall-konsumaturi, peress li tagħthom it-trasparenza li jeħtieġu biex jagħmlu l-għażliet. Meta jkunu jafu minn fejn ġej il-frott tal-baħar tagħhom, il-konsumaturi jistgħu jappoġġaw b'mod attiv lill-komunitajiet tas-sajd lokali, inklużi l-operaturi fuq skala żgħira. Ir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq fil-Prodotti tas-Sajd u l-Akkwakultura (OKS) jindirizza r-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-konsumatur. Ir-Regolament jipprevedi li l-prodotti mibjugħa fl-UE jridu jiġu tikkettati b'taġhrif ewleni, bħall-isem tal-ispeċi, il-metodu tal-produzzjoni, iż-żona fejn inqabad jew ġie mrobbi l-prodott, u t-tip ta' rkaptu tas-sajd użat. Madankollu, dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx għall-prodotti pproċessati, li huma eżentati milli jipprovdu informazzjoni dettaljata, pereżempju dwar l-oriġini tal-materja prima użata.

L-evalwazzjoni attwali tal-OKS se tindirizza wkoll id-dispożizzjonijiet tal-OKS u se teżamina jekk ir-regoli eżistenti dwar it-tikkettar jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni adegwata, jew jekk humiex meħtieġa rekwiżiti oħrajn biex id-deċiżjonijiet tax-xiri tagħhom ikunu infurmati aħjar. Ninsab impenjat li nħares speċifikament lejn din il-kwistjoni wara l-evalwazzjoni.

B'mod parallel, se nkompli naħdem mal-Istati Membri għal implimentazzjoni mingħajr intoppi tad-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà skont ir-regoli riveduti reċentement dwar il-kontroll tas-sajd, li gradwalment se jestendu għal prodotti ppreparati u ppreservati u jħaddnu l-progress teknoloġiku u s-simplifikazzjoni li tiġi mat-tranżizzjoni lejn sistema diġitali.

Huwa importanti wkoll li jiġi rikonoxxut ir-rwol vitali li għandhom l-Istati Membri fl-iżgurar li r-rekwiżiti tat-tikkettar jiġu implimentati b'mod effettiv fil-prattika. Jekk niġi kkonfermat, se nikkollabora mal-Istati Membri biex nesploraw modi kif jistgħu jsaħħu s-sistemi tal-infurzar u l-kontroll tagħhom, sabiex il-prodotti kollha, inklużi dawk importati minn barra l-UE, jikkonformaw mar-regoli tagħna dwar it-tikkettar u jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni preċiża. Jiena impenjat li nindirizza t-tħassib tal-produtturi u tal-konsumaturi tal-UE u li nipromwovi kundizzjonijiet ekwi għall-prodotti kollha, tkun xi tkun l-oriġini tagħhom.

Il-prodotti bbażati fuq il-pjanti huma suq li qed jikber iżda li għadu żgħir ħafna. Il-prodotti bbażati fuq il-pjanti jridu jkunu jingħarfu b'mod ċar bħala tali, bis-saħħa ta' taġhrif xieraq għall-konsumatur. Għal dak il-għan, fl-2025 se nvara sistema online ta' punteġġi ta' informazzjoni, li permezz tagħhom l-atturi tal-UE jkunu jistgħu jagħmlu għażliet fil-katina tal-provvista, kif ukoll biex il-konsumaturi, biex jagħmlu għażliet sostenibbli bbażati fuq punteġġi tal-prodotti ta' sostenibbiltà għal ċerti stokkijiet.

#### Mistoqsija mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

*8. Kif qed tippjana li tiżgura li l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar u l-bijodiversità tal-oċeani timxi id f'id ma' ekonomija blu sostenibbli, kompetittiva u ekonomikament vijabbli Ewropea? X'se tagħmel biex tiżgura li ż-żoni protetti tal-baħar kollha jiġu ġestiti b'mod effettiv f'konformità mal-leġiżlazzjoni relatata man-natura u mal-impenji internazzjonali tal-UE? X'azzjonijiet tipprevedi biex tnaqqas b'mod sostanzjali l-iskart fil-baħar u tindirizza t-tniġġis tal-baħar u tal-ilma ħelu, u kif se tippromwovi dawn l-isforzi internazzjonalment? Kif qed tippjana li ttejjeb il-potenzjal tal-karbonju blu tal-UE u taċċellera r-restawr u l-protezzjoni ta' ekosistemi b'ħafna sekwestru tal-karbonju bħall-mangrovja, l-alki tal-qiegħ, u l-bwar salmastri bħala parti mill-istrateġija usa' tiegħek ta' adattament għat-tibdil fil-klima? Kif se tiżgura li s-setturi tal-ekonomija blu, bħat-teknoloġiji rinnovabbli offshore, jiġu kkoordinati permezz tal-ippjanar spazjali marittimu biex jiġu evitati kunflitti mal-isforzi għall-konservazzjoni tal-baħar, is-sajd sostenibbli, u l-interessi tal-komunità kostali? Meta tqis il-pożizzjoni attwali tal-UE dwar l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar, li tirrakkomanda approċċ prekawżjonarju sakemm issir aktar riċerka xjentifika, x'inhuma l-intenzjonijiet tiegħek rigward din il-kwistjoni? Kif se tiżgura li l-UE tkompli tkun fuq ta' quddiem fir-rigward tal-iffissar ta' standards globali, l-iżgurar ta' kunsens dwar l-implimentazzjoni tat-Trattat dwar l-Ibħra Internazzjonali (Ftehim BBNJ) u oqfsa oħra ta' governanza tal-oċeani, u l-promozzjoni tal-oġettivi tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 14?*



Oċean f'saħħtu huwa oċean produttiv. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se niżgura li nkomplu nimplimentaw miżuri effettivi ta' konservazzjoni li jkunu bbażati fuq ix-xjenza, bħal żoni protetti tal-baħar u Prattiki tas-sajd aktar sostenibbli. L-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tal-acquis tal-UE kif ukoll tal-obbligi internazzjonali tal-UE se jibqgħu essenzjali.

Se jkun kruċjali wkoll li bis-saħħa tal-ippjanar spazjali marittimu jkunu jisgtgħu jiġu bbilanċjati l-ħarsien tal-oċean tagħna u l-profittabbiltà tal-attivitàjiet fuq il-baħar. B'mod partikolari se nagħti attenzjoni speċifika lill-opportunitajiet offruti mill-użi multipli tal-ispazju tal-baħar, mill-bidu nett.

Jekk niġi kkonfermat, se nħeġġeġ l-użu ta' għodod bħal "BlueInvest", biex nappoġġa l-innovazzjoni u l-intraprenditorija f'teknoloġiji u mudelli ta' negozju sostenibbli, li nemmen li huma kruċjali wkoll. Bħala eżempju speċifiku, nixtieq insemmi l-Inizjattiva tagħna dwar l-Algi tal-UE, li għandha l-għan tappoġġa l-iżvilupp u ż-żieda tal-akkwakultura riġenerattiva fl-UE li, minn naħa waħda, tippovdi prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għas-suq tal-UE u, min-naħa l-oħra, tneħħi n-nutrijenti żejda u l-karbonju u b'hekk tnaqqas l-ewtrofikazzjoni u l-aċidifikazzjoni tal-oċeani.

Fl-aħħar nett, billi nipromwovu xejriet ta' konsum responsabbli, nistgħu noħolqu domanda għal prodotti sostenibbli u nappoġġaw ekonomija tal-oċeani f'saħħitha.

Dan l-approċċ, bid-diversi linji ta' ħidma ta' hawn fuq li jingħaqdu taħt il-Patt Ewropew għall-Oċeani li jmiss, se jgħid kundizzjonijiet għal ekonomija blu kompetittiva u ekonomikament vijabbli għall-futur filwaqt li jżomm u saħansitra jirrestawra s-saħħa tal-oċean tagħna.

Id-dimensjoni ambjentali hija inkorporata fil-Politika Komuni tas-Sajd u fl-oġettivi tagħha. Dan jikkomplementa l-qafas legali b'saħħtu dwar il-ħarsien u r-restawr tan-natura li jinsab diġà fis-seħħ. Dan jinkludi d-Direttiva dwar il-Habitats u d-Direttiva dwar l-Għasafar, li huma l-pedament tan-network Natura 2000 li jkopri wkoll ħafna żoni protetti tal-baħar; id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, li għandha l-għan li tiżgura status ambjentali tajjeb għall-ilmijiet marini kollha u tirrikjedi li l-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri speċifiċi għall-ġestjoni u l-protezzjoni ta' żoni protetti tal-baħar, filwaqt li tiżgura li jikkontribwixxu għall-għanijiet ġenerali tal-bijodiversità tal-baħar. Fl-aħħar nett, ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura adottat reċentement se jkun essenzjali wkoll għar-restawr tal-ekosistemi marini degradati u t-tiżgura tar-reżiljenza tagħhom.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Ambjent, ir-Reżiljenza tal-Ilma u Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva biex niżgura li l-Istati Membri jimplimentaw il-leġiżlazzjoni rilevanti sabiex jintlaħaq l-oġettiv strateġiku tal-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030 li 30 % tal-ibħra tal-UE jiġu protetti, li 10 % minnhom ikunu taħt protezzjoni stretta u biex jiġi żgurat li ż-żoni protetti tal-baħar kollha tagħna jkollhom il-miżuri rilevanti ta' ġestjoni tas-sajd fis-seħħ sal-2030.

Se nħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet li l-PKS kif ukoll id-direttiva dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu joffru biex jimplimentaw miżuri u pjanar effettivi b'appoġġ għall-oġettivi ta' kull żona protetta tal-baħar, sabiex inkunu nistgħu nillimitaw l-impatt tal-attivitàjiet ekonomiċi fuq l-ekosistemi tal-baħar filwaqt li nipprovdu l-kundizzjonijiet għal setturi u komunitajiet kostali b'saħħithom u reżiljenti. Dan jinkludi wkoll miżuri ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tal-flotta.

L-ibħra tagħna jiġu affettwati ħafna minn dak li jiġri fuq l-art. In-nutrijenti l-aktar mill-agrikoltura jikkawżaw ewtrofikazzjoni fl-ambjent tal-baħar. Il-maġġoranza tal-iskart tal-plastik fil-baħar iseħħ fuq l-art. Dan jikkawża tħassib dwar is-saħħa u jiddegrada l-ambjent tal-baħar tagħna. Joħloq ukoll impatti u kostijiet bla bżonn għall-industriji li jiddependu mill-baħar, bħas-sajd u t-turiżmu. U minħabba f'hekk, jekk niġi kkonfermat, se naħdem mal-Kummissarju għall-Ambjent, ir-Reżiljenza tal-Ilma u Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva, kemm fil-kuntest tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma kif ukoll fil-Patt Ewropew għall-Oċeani li se nwassal, biex niżgura li x-xmajjar, l-ibħra u ż-żoni kostali tagħna jkunu f'saħħithom u reżiljenti. Dan se jikkontribwixxi wkoll għall-ħidma dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Mill-2026, l-Istati Membri jridu jinkludu l-artijiet mistagħdra, inkluż il-karbonju blu, fl-inventarji tal-emissjonijiet li jipprovdu lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u fil-miri tagħhom għar-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija. Skont ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura, huma jridu jiżguraw li 90 % tal-ħabitats tal-ekosistemi tal-baħar ikunu f'kundizzjoni tajba u, għal dak il-għan, iridu jistabbilixxu miżuri ta' restawr fuq mill-inqas 30 % tal-erja totali li ma tkunx f'kundizzjoni tajba sal-2030.

Jekk niġi kkonfermat, se niżviluppa pjan għal approċċ komuni tal-UE għall-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* meħtieġa sabiex jiġi vvalutat ir-rwol tal-karbonju blu u artijiet mistagħdra oħra biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE dwar il-klima u n-natura. Dan se jiffaċilita l-bini ta' mudelli ġodda ta' negozju bbażati fuq inċentivi għal attivitajiet eżistenti bħall-akkwakultura biex jeżistu flimkien man-natura u jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Bis-saħħa tiegħu se jkun possibbli l-ħolqien ta' attivitajiet innovattivi ġodda bħaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nsaħħaħ l-approċċ tagħna għall-ippjanar tal-ispazju marittimu biex ngħinu ħalli nottimizzaw l-użi differenti tal-baħar u l-potenzjal ekonomiku tal-oċean, filwaqt li nissalvagwardjaw is-saħħa u r-reżiljenza tiegħu.

Id-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu diġà tirrikjedi li l-Istati Membri jużaw l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, li huwa element ewlieni tal-liġijiet tal-UE dwar il-ħarsien tal-ambjent tal-baħar (b'mod partikolari d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina).

Madankollu, irridu nagħmlu aktar biex ngħinu lill-Istati Membri jpoġġu dawn il-prinċipji kollha fil-prattika u l-Patt Ewropew għall-Oċeani se jkun importanti f'dan ir-rigward.

Fil-livell tal-UE, se norganizza Djalogi dwar is-Sajd u l-Oċeani, b'mod partikolari biex niddiskuti l-użu tal-ispazju tal-baħar, filwaqt li nibni fuq il-ħidma tajba tal-Forum Blu għall-utenti tal-baħar. Se nkompli naħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex inwettagħ u niżgura li l-politika tagħna tkun adattata għall-isfidi u l-miri spazjali sal-2050.

Dan kollu se jirrappreżenta l-kontribut tal-UE għall-kisba tal-għan ta' żvilupp sostenibbli rilevanti (SDG 14) fir-rigward tal-miri tagħna għall-bijodiversità u t-tnaqqis tat-tniġġis u permezz tiegħu se tibqa' tmexxi fl-istabbiliment ta' standards globali. Ir-riflessjoni tal-isforz fil-livell tal-UE fuq l-iskala globali se tiżgura wkoll li s-setturi tal-ekonomija blu tagħna stess se jkunu jridu jipparteċipaw. B'mod konkret, se nappoġġa l-isforzi globali għall-protezzjoni u r-restawr tal-oċeani u nħares l-impenn globali tal-Ftehim Globali dwar il-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal għall-protezzjoni ta' mill-inqas 30 % tal-oċean sal-2030. Jekk niġi kkonfermat, se tkun il-prijorità tiegħi li nkompli nappoġġa li kull żona tal-baħar protetta fl-ibħra internazzjonali jkollha pjan ta' ġestjoni speċifiku u li jiġu allokati riżorsi adegwati biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-pjanijiet, inkluż il-monitoraġġ, l-infurzar u l-ħolqien ta' Żoni tal-Baħar Protetti (MPAs, Marine Protected Areas) fl-Oċean tan-Nofsinhar. Se nimmobilizza wkoll id-diplomazija tal-UE dwar l-oċeani biex inħeġġeġ ir-ratifika u d-ħul fis-seħħ rapidi tal-ftehim dwar il-Bijodiversità lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (BBNJ, Biodiversity Beyond National Jurisdiction), li jstabilixxi proċedura għad-deżinjazzjoni ta' Żoni tal-Baħar Protetti f'żoni lil hinn mill-ġurisdizzjonijiet nazzjonali. L-ewwel objettiv strateġiku tiegħi, jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se jkun li nikkontribwixxi għall-isforzi diplomatiċi biex jinkisbu 60 ratifika meħtieġa għad-ħul fis-seħħ tiegħu, li nispera li dan jiġri qabel it-tielet Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani f'Ġunju 2025.

Il-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali hija wkoll kruċjali biex jittaffew l-impatti tat-tniġġis fuq l-ibħra u l-oċeani tagħna. Nemmen li huwa kruċjali li l-UE tkompli tkun katalist għall-bidla, kemm jekk dan tagħmlu billi tkun vokali u strumentali fin-negozjati finali tat-Trattat Globali dwar il-Plastik jew billi tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħna fil-livell reġjonali, inkluż fil-ħidma tal-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali, l-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd jew permezz tal-aġenda tagħna dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani.

Fl-aħħar nett, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar hija stabbilita fl-aġenda tal-UE dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani. Il-Kummissjoni hija favur il-projbizzjoni tal-estrazzjoni minerarja fil-baħar fond sakemm dawn il-lakuni xjentifiċi jimtlew kif xieraq, u jkun jista' jintwera li m'hemm l-ebda effett ta' ħsara mill-estrazzjoni u, kif meħtieġ skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, li d-dispożizzjonijiet meħtieġa fir-regolamenti dwar l-isfruttament għall-protezzjoni effettiva tal-ambjent tal-baħar ikunu fis-seħħ. Naqbel bis-sħiħ ma' din il-pożizzjoni u, jekk niġi kkonfermat Kummissarju, dan se niddefendih fil-kampanja ta' s-sensibilizzazzjoni rilevanti kollha fil-livell internazzjonali.